SAN GILJAN
# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE
**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 11/KA2/15

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/10 – 25/06/15** **52**

**Nru ta' seduti minn 12/07/10 – 25/06/15** **62**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 02/12/14** **06**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2015.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio
Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa.
Il-Membru Joseph Oliva

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
Is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid Paul Spiteri
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati: (2) Is-Sindku Karl Gouder u l-Membru Maria Dolores Falzon

1.05 Assenti: (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku :- (0)

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-22 ta' Ġunju 2015. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Co-option ta' Membru
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
7. Aġġornament tal-laqgħa

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 10/KA2/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P268 Komunikazzjoni mingħand il-Membru Maria Dolores Falzon b'konnessjoni ma' l-attendenza għal-laqgħa.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P268**

2.02 Saret riferenza għall-komunikat tal-Membru Maria Dolores Falzon fejn innotifikat lill-Kumitat li ma setgħetx tattendi għal-laqgħa.

## 3 Co-option ta' Membru

3.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li ntbagħat *reminder* lid-Direttur tal-Kummissjoni Elettorali dwar ir-riżenja tal-Membru Richard

Scicluna u li ngħatat l-informazzjoni verbali li l-Kumitat għandu jikkokptja membru li jkun ta' l-istess partit li rrizenja.

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid wasal fis-2.10p.m.

**4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

4.01 Ġie deċiż unanimament li:-

a) tintbagħat kopja tal-korrispondenza, li saret bejn il-Pulizija u l-Kumitat Amministrattiv Paceville, lill-Kumissarju tal-Pulizija. Fejn jiġi nfurmat li ma ttieħdet l-ebda azzjoni min-naħa tal-Pulizija dwar skips li hemm ħdejn il-Candles Restaurant fi Triq San Ġorġ, ħdejn il-Vivaldi Hotel fi Triq id-Dragunara u ħdejn il-Chivas Restaurant fi Triq id-Dragunara li huma bla permess tal-Kumitat Amministrattiv Paceville.

b) tintbagħat ittra lill-MTA, sabiex l-Kumitat Amministrattiv Paceville jiġi provdut b'lista ta' l-istabbilimenti kollha li għandhom il-permess għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet u kemm għandhom spazju. Filwaqt li tinġibed l-attenzjoni ta' l-MTA biex isir l-infurzar minħabba li hemm stabbilimenti li qed jieħdu *parking bays* biex jitqegħdu mwejjed u siġġijiet taħt il-bankini.

c) Iċ-Ċermen ser jipprovdi r-ritratti lill-amministrazzjoni.

**5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'A').

5.02 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

5.03 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ssekondah.

5.04 Il-Membru Joe Oliva astjena minħabba li ma jridx jieħu responsabbilita' fuq il-pagamenti u minħabba li għandu d-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol.

5.05 Il-pagamenti ġew approvati.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. P334 sa’ nru. P341 għall-approvazzjoni. (Ara Appendici ‘B‘)

6.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

6.03 Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa ssekondah.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**7 Aġġornament tal-laqgħa**

7.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 30 ta’ Lulju 2015 fil-5.00 p.m.

7.02 Iċ-Ċermen għarraf lill-Kumitat li din kienet l-aħħar laqgħa tas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker qabel tirtira. Għalhekk għan-nom tal-Kumitat irringrazzjaha għas-servizz leali u effiċjenti tagħha tul is-snin li ilha mal-Kunsill u awguralha l-isbaħ xewqat għall-futur.

7.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker apprezzat li ntqal u rringrazzjat lill-Kumiutat għal kull opportunita’ li taha. Hija awgurat lill-Kumitat ħidma sana u sodisfaċenti.

7.04 Il-laqgħa ntemmet fit- 2.30p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**